

Brussell, 11 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15663/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0334 (COD)

ECOFIN 1119
UEM 350

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 825 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li jadatta l-oġettiv ġenerali tiegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 825 final.

Mehmuż: COM(2017) 825 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2017
COM(2017) 825 final

2017/0334 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-
Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li jadatta l-oġettiv ġenerali tiegħu**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020, ilu għaddej sa mill-20 ta' Mejju 2017 b'baġit ta' EUR 142,8 miljun¹. Ġie stabbilit bl-oġġettiv li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jħejju u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jgħinu lit-tkabbir, inkluż permezz tal-użu tal-assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv ta' fondi tal-Unjoni. L-appoġġ taħt il-Programm jiġi pprovdut mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, u jista' jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika.

Sa minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, kien hemm ħafna Stati Membri li riedu jużaw is-servizzi li joffri, b'talbiet għal appoġġ li qabżu b'mod sinifikanti l-ammont ta' finanzjament disponibbli għaċ-ċikli annwali tiegħu. Prova ta' dan hija d-*data* għaċ-ċiklu tal-2017, meta, minkejja l-adozzjoni tard tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, ġew ippreżentati 271 talba għall-appoġġ minn 16-il Stat Membru għal ammont stmat ta' aktar minn EUR 80 miljun b'kollox, meta mqabbel ma' allokazżjoni ta' EUR 22,5 miljun għall-2017. Minħabba dan il-Kummissjoni kellha biċċa xogħol iebsa biex tfassal lista ta' prijorità ta' kif se tagħti s-servizzi, bir-riżultat li kien hemm diversi talbiet li ma ġewx magħżula għall-iffinanzjar. Is-sitwazzjoni hija anki agħar għaċ-ċiklu tal-2018, li għadu kif ġie varat (it-talbiet kellhom jidħlu sal-31 ta' Ottubru 2017). Ġew ippreżentati 444 talba għall-appoġġ minn 24 Stat Membru u l-kost totali stmat ta' dawn it-talbiet hija ta' bejn wiehded u ieħor EUR 152 miljuni, meta mqabbel mal-allokazżjoni għall-2018 ta' EUR 30,5 miljun. Dan juri b'mod ċar li l-ħtiġijiet ta' appoġġ fil-konkret u l-interess tal-Istati Membri li jiksbu appoġġ imur ferm lil hinn mir-riżorsi finanzjarji tal-Programm li huma disponibbli bħalissa.

L-esperjenza sa issa wriet li bosta Stati Membri talbu appoġġ taħt il-Programm, u li t-talbiet għall-appoġġ jitqassmu madwar l-oqsma kollha tal-politika li jirrekjedu appoġġ u li huma koperti mill-Programm, bħall-governanza u l-amministrazzjoni pubblika, l-amministrazzjoni tad-dħul u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-ambjent ta' tkabbir u ta' negozju, is-suq tax-xogħol, l-educazzjoni, is-saħħa u s-servizzi soċjali, is-settur finanzjarju u l-aċċess għall-finanzjament.

Kif indikat mill-President Juncker fl-Indirizz tiegħu (u fl-Ittra ta' Intenzjoni annessa) lill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2017 dwar l-Istat tal-Unjoni², l-euro hija intenzjonata li tkun il-munita unika tal-Unjoni kollha kemm hi, u għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, l-Istati Membri kollha minbarra tnejn huma obbligati li jissieħeb fiż-żona tal-euro. Għalhekk hemm ħtieġa ċara li wiehded jaħseb għall-quddiem biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri biex jitħejjew għad-dħul tagħhom fiż-żona tal-euro meta huma jkunu jixtiequ. Sabiex ikunu jistgħu jidħlu fiż-żona tal-euro, l-Istati Membri jridu jissodisfaw il-kriterji ta' "Maastricht" jew "il-kriterji ta' konverġenza", li jindikaw li huma jkunu kisbu *livell għoli ta' konverġenza sostenibbli*.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129 19.05.2017, p. 1).

² L-Indirizz tal-President Jean-Claude Juncker, dwar l-Istat tal-Unjoni 2017, 13 ta' Settembru 2017.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja wriet li, lil hinn minn konverġenza nominali, il-kisba ta' konverġenza reali u li jkun hemm ekonomiji reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi robusti, li jippermettu lill-Istati Membri biex jassorbu x-xokkijiet b'mod effiċjenti u jirkupraw minnhom malajr, huma kruċjali biex jiżguraw parteċipazzjoni b'suċċess fiż-żona euro. Dan jirrekjedi, b'mod partikolari, li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità li jiġġestixxu l-baġits tagħhom skont il-prinċipji ta' ġestjoni soda tal-finanzi pubbliċi u li jkunu istituzzjonalment lesti li jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja. Lil hinn minn dan, il-funzjonament tajjeb tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, li jkunu kapaċi jassorbu xokkijiet esterni, grad għoli ta' integrazzjoni f'termini ta' kummerċ ta' oġġetti u servizzi, u amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb huma ta' importanza primarja għall-integrazzjoni b'suċċess fiż-żona tal-euro.

Quddiem l-isfond ta' (i) il-ħtiġijiet finanzjarji oġhla għall-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, u (ii) il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jkollhom l-intenzjoni li jadottaw l-euro biex jaċċelleraw il-proċess ta' konverġenza reali u li jiżviluppaw strutturi ekonomiċi u soċjali aktar reżiljenti sabiex jiġi żgurat li jkun hemm parteċipazzjoni bla skossi fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kummissjoni hija impenjata, bħala l-ewwel pass, li ssaħħa il-baġit tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali b'EUR 80 miljun għall-perjodu 2019-2020. Dan ikun jista' jinkiseb bl-użu tal-Istrument tal-Flessibbiltà skont l-Artikolu 11 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali preżenti³. Dan iġib il-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għal-livell ta' EUR 222,8 miljun. Iż-żieda ma tkunx biss tippermetti li d-domanda ta' appoġġ mill-Istati Membri li mhumix fiż-żona tal-euro, li jkunu jridu jadottaw l-euro u li jkollhom bżonn jimplimentaw riformi fl-ekonomiji tagħhom, li jiġu ssodisfati, iżda tkun tippermetti wkoll li tkun tista' tintlaqa' ż-żieda fl-għadd u l-kosti tat-talbiet għal appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi amministrattivi u strutturali.

Dan il-baġit addizzjonali ser ikun issupplimentat billi l-Istati Membri jiġu mistiedna jagħmlu użu mill-possibiltà, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, li jittrasferixxu parti mir-riżorsi tagħhom mill-komponent tal-assistenza teknika tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej lejn il-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali, għall-finijiet tal-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi, inkluż riformi marbuta mal-adozzjoni tal-euro. Abbażi ta' stimi attwali ta' ħtiġijiet possibbli ta' appoġġ, dan is-suppliment għandu jżid l-ammont totali tal-baġit disponibbli għall-appoġġ biex jilħaq EUR 300 miljun, u b'hekk sal-2020 tkun irdoppjat il-kapaċità ta' appoġġ.

L-appoġġ ikun joffri assistenza mfassla apposta għall-implimentazzjoni ta' kull politika li tgħin lill-Istati Membri jiksbi livell għoli ta' konverġenza sostenibbli. L-appoġġ se jiġi offrut b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent tan-negozju, is-settur finanzjarju, is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. L-iktar riformi importanti meħtieġa biex irawmu l-konverġenza reali se jiġu enfasizzati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Permezz ta' ħidma dedikata, daww l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu progress lejn l-adeżjoni maż-żona tal-euro ser jiftiehm, fi djalogu mal-Kummissjoni, fuq ġabra limitata ta' impenji ta' riforma li jkunu ta' importanza partikolari għal sħubija b'suċċess fiż-żona tal-euro. Dawn

³ Ara l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1311/2013:

l-impenji ta' riforma jkunu riflessi wkoll fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni, permezz tas-Servizz ta' Sostenn għal Riformi Strutturali tikkonkludi Pjan ta' Kooperazzjoni u Appoġġ għdid mal-Istati Membri kkonċernati, li jkun iffukat fuq l-għoti ta' appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma marbuta mal-adozzjoni tal-euro. Dan l-arranġament ikun kompletament volontarja u jiġi offrut mingħajr ebda kofinanzjament mill-Istati Membri benefiċjarji.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali huwa programm innovattiv tal-Unjoni, li bih il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi amministrattivi u strutturali. Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali jiffoka fuq l-għoti ta' assistenza u għarfien esperti, imfassla apposta, fuq il-post, biex jakkumpanja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jitolbuh, matul il-proċess ta' riforma jew fi stadji definiti jew f'fazzijiet differenti ta' dan il-proċess. Dan huwa bbażat fuq l-aktar ħtiġijiet urġenti tal-pajjiż, kif miftiehem reċiprokament bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat fi Pjan ta' Kooperazzjoni u Appoġġ.

Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali huwa jikkumplementa r-riżorsi eżistenti għall-bini ta' kapaċità u assistenza teknika disponibbli fi programmi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u ma' assistenza teknika u azzjonijiet oħrajn ifffinanzjati minn fondi tal-Unjoni. Dan huwa żgurat kemm fil-fażi ta' programmazzjoni kif ukoll f'dik ta' implimentazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-appoġġ tekniku li jinvolvu s-servizzi kkonċernati, sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ ipprovdut taħt il-programmi u l-fondi varji tal-Unjoni jkun konsistenti u jevita d-duplikazzjoni mal-miżuri taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali.

Din il-proposta għandha l-għan li żżid l-allokazzjoni finanzjarja tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' taqdi l-ħtiġijiet, b'mod partikolari, tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, li jimbarkaw fuq riformi strutturali mmirati biex jagħmlu l-ekonomiji tagħhom aktar reżiljenti għax-xokkijiet u tippreparahom aħjar għal sħubija fiż-żona tal-euro, kif ukoll għall-ħtiġijiet li jirriżultaw minn żieda fl-għadd u fil-kosti tat-talbiet għal appoġġ mill-Istati Membri kollha b'rabta mal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' inizjattivi ta' politika ewlenin tal-Unjoni, u tikkontribwixxi għalihom, bħas-Semestru Ewropew u l-proposti li saru fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja⁴, u hija konformi mal-Indirizz tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni (u l-Ittra ta' Intenzjoni annessa) li sar mill-President Juncker lill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2017, li fih ġiet ippreżentata ħarsa ġenerali lejn it-tisħiħ tal-futur tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

⁴ COM(2017) 291, il-31 ta' Mejju 2017.

Il-proposta tippermetti li jkunu disponibbli aktar riżorsi finanzjarji għall-għoti ta' appoġġ għal riformi tant meħtieġa, li jagħmlu l-ekonomiji ta' Stati Membri li mhumieq fiż-żona tal-euro aktar reżiljenti għax-xokkijiet u jgħin lil dawn l-Istati Membri biex jirnexxu u jimxu 'il quddiem ladarba jissieħbu fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, il-proposta tippermetti li jkunu disponibbli aktar riżorsi biex ikunu ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tar-riformi strutturali fl-Unjoni kollha.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali huwa bbażat fuq l-Artikoli 175 (it-tielet paragrafu) u 197(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta tistabbilixxi emenda leġislattiva sabiex (i) tindika il-kontribut tal-Programm li jiffaċilita l-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, (ii) jiżdiedi il-pakkett finanzjarju ddedikat tal-Programm (permezz tal-Istrument ta' Flessibilità fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali), u (iii) taddatta l-oġettivi ġenerali tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali bil-għan li tiġi enfasizzata r-rabta mat-thejjja għall-adeżjoni maż-żona tal-euro. Taħseb ukoll għal xi bidliet tekniċi rigward l-użu tan-nefqa ta' appoġġ tal-Programm. Bis-saħħa taż-żieda fir-riżorsi finanzjarji tiegħu, il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali jista' jkun ta' kontribut deċisiv biex jinbnew strutturi ekonomiċi iktar reżiljenti fl-Istati Membri u sabiex tinkiseb konverġenza sostenibbli fl-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jkunu jixtiequ jadottaw l-euro.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-finanzjament tal-attivitajiet tal-Programm permezz tal-emenda proposta jirrispetta l-prinċipji tal-valur miżjud Ewropew u tas-sussidjarjetà. Huwa meħtieġ aktar finanzjament mill-baġit tal-Unjoni fir-rigward tal-appoġġ kumplessiv għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, fid-dawl tal-livell għoli mhux mistenni ta' użu tal-Programm mill-Istati Membri. Huwa wkoll meħtieġ fid-dawl tal-oġettivi li tiġi appoġġata konverġenza sostenibbli fi Stati Membri li mhumieq fiż-żona tal-euro, li huwa kruċjali għall-prospertà tal-Unjoni u, b'mod partikolari, għall-funzjonament bla skossi tal-munita unika. L-ebda wieħed minn dawn l-oġettivi (appoġġ għal riformi strutturali b'mod ġenerali u appoġġ għal sħubija fiż-żona tal-euro) ma jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom ("it-test tan-neċessità"), filwaqt li l-intervent tal-Unjoni jista' jgħib valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjonijiet tal-Istati Membri waħedhom ("it-test tal-effikaċja").

Tabilħaqq, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tidentifika, timmobilizza u tikkordina l-aqwa kompetenzi disponibbli (kemm minn ħda is-servizzi fl-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll minn pajjiżi oħrajn, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali), u li trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki (kif ukoll tiżgura d-disseminazzjoni konsistenti tagħhom madwar l-Unjoni) biex tassisti lil Stati Membri li mhumieq fiż-żona tal-euro fit-triq tagħhom lejn l-adeżjoni mal-munita unika u biex jingħataw appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi mmirati li jtejjbu t-tkabbir fl-Istati Membri kollha.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu rikjest biex tikseb l-għan iddikjarat fil-livell Ewropew u dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija emenda tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-emenda attwali għandha l-għan li tkun reazzjoni għall-ħtieġa urġenti li jiġi pprovdut appoġġ lill-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jimbarkaw fuq riformi strutturali mmirati biex l-ekonomiji tagħhom isiru aktar reżiljenti għax-xokkijiet, biex jiġi aċċellerat il-proċess ta' konverġenza reali u jkunu ppreparati aħjar għall-adeżjoni fiż-żona tal-euro. L-emenda għandha l-għan ukoll li żżid il-pakkett finanzjarju kumplessiv sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-Istati Membri, ħafna akbar milli mistennija, għal appoġġ fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' riformi strutturali.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Il-proposta mhix marbuta mal-eżerċizzju ta' idoneità regolatorja u simplifikazzjoni u ma għandha l-ebda kost ta' konformità għall-SMEs jew xi parti kkonċernata oħra Il-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali dalwaqt se jiġi implimentat permezz ta' pjattaforma elettronika (JIRA), li se tkun disponibbli għas-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta għandha effett pożittiv fuq il-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' drittijiet fundamentali tal-Unjoni, jekk wieħed jassumi li l-Istati Membri jitolbu u jirċievu assistenza teknika f'oqsma relatati. Pereżempju, l-assistenza f'oqsma bħall-migrazzjoni, is-suq tax-xogħol u s-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa, l-educazzjoni, l-ambjent, il-proprjetà, l-amministrazzjoni pubblika u s-sistema ġudizzjarja tista' tkun ta' appoġġ għad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni bħad-dinjità, il-libertà, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-ġustizzja.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Huwa propost li jiżded il-pakkett finanzjarju ddedikat għall-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali minn EUR 142 800 000 (prezzijiet attwali) għal EUR 222 800 000 (prezzijiet attwali). Din iż-żieda tkun disponibbli għall-2019 u l-2020. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva ttipprova spjegazzjonijiet xierqa.

Jenħtieġ li din iż-żieda ssir possibbli bl-użu ta' EUR 80 000 000 mill-Istrument ta' Flessibilità taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill 1311/2013), li jippermetti li l-finanzjament disponibbli fil-baġit ġenerali tal-Unjoni

għas-snin finanzjarji 2018 u 2019 jiġi ssupplimentat, lil hinn mil-limitu massimu tal-intestatura 1b (koeżjoni).

Dan il-baġit miżjud ser ikun issupplimentat billi l-Istati Membri jiġu mistiedna jagħmlu użu mill-possibiltà, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, li jittrasferixxu parti mir-riżorsi tagħhom mill-komponent tal-assistenza teknika tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej lejn il-Programm ta' Appoġġ għar-Riforimi Strutturali, għall-finijiet tal-ġħoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi, inkluż riformi marbuta mal-adozzjoni tal-euro. Abbażi ta' stimi attwali ta' ħtiġijiet possibbli ta' appoġġ, dan is-suppliment għandu jżid l-ammont totali tal-baġit disponibbli għall-appoġġ għal EUR 300 miljun.

5. ELEMENTI OĦRAJN

• Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar huma previsti b'mod adegwat fil-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali. Ma hija prevista l-ebda bidla f'dan is-sens.

• Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

N/A

• Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-proposta temenda l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali (objettiv ġenerali) sabiex iżżid l-appoġġ għal sħubija fiż-żona tal-euro għall-għanijiet li għalihom il-Programm jipprovdi kontribuzzjonijiet. B'mod partikolari, il-Programm jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirrifirmaw l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni, is-setturi ekonomiċi u soċjetali b'reazzjoni għal sfidi ekonomiċi u soċjali. Fl-emenda proposta, huwa enfasizzat li t-titjib tal-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi għandu jikkontribwixxi wkoll għal tħejjijiet għall-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro minn daww l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro u li jkunu jixtiequ jingħaqdu mal-munita unika.

L-Artikolu 5a propost jenfasizza l-kontribut tal-Programm f'ħidma ddedikata lejn l-appoġġ ta' riformi li jistgħu jgħinu lil Stati Membri fil-preparazzjoni għall-adeżjoni maż-żona tal-euro.

Il-proposta temenda l-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, rigward il-pakkett finanzjarju ddedikat tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, sabiex dan jingħieb għal EUR 222,8 miljun fi prezzijiet attwali.

Il-proposta temenda l-paragrafu 2 tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforimi Strutturali, jiġifieri d-dispożizzjoni dwar in-nefqa ta' appoġġ tal-Programm, billi iżżid il-possibbiltà ta' finanzjament għal attivitajiet ta' sostenn, bħalma huma l-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti konkreti ta' appoġġ fuq il-post.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li jadatta l-oġettivi ġenerali tiegħu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 197(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni⁶,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ("il-Programm") ġie stabbilit bl-oġettiv li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex iħejju u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jtejbu t-tkabbir, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv ta' fondi tal-Unjoni. L-appoġġ taħt il-Programm jiġi pprovdut mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, u jista' jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. L-iżvilupp ta' ekonomiji reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi u soċjali sodi, li jippermettu lill-Istati Membri biex jassorbu x-xokkijiet b'mod effiċjenti u li jirkupraw minnhom malajr, jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali. L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jiffavorixxu t-tkabbir hija strument adegwat biex jinkiseb żvilupp bħal dan.
- (2) L-Istati Membri dejjem żiedu fl-użu tagħhom ta' appoġġ taħt il-Programm, lil hinn mill-aspettattivi inizjali. It-talbiet għall-appoġġ mibgħuta lill-Kummissjoni matul iċ-ċiklu tal-2017, abbażi tal-valur stmat tagħhom, qabżu b'mod sinifikanti l-allokazzjoni annwali disponibbli. Matul iċ-ċiklu tal-2018, il-valur stmat ta' talbiet riċevuti kien ħames darbiet ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għal dik is-sena. Kważi l-Istati Membri kollha talbu appoġġ taħt il-Programm u t-talbiet huma mqassma madwar l-oqsma kollha ta' politika koperti mill-Programm.
- (3) It-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali bit-tisħiħ ta' riformi strutturali hija kruċjali għal parteċipazzjoni b'suċċess fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan hu ta'

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

importanza partikolari għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhux l-euro, fit-tħejjija tagħhom sabiex jingħaqdu maż-żona tal-euro.

- (4) Għalhekk huwa xieraq li jiġi enfasizzat fl-oġġettivi ġenerali tal-Programm – fi ħdan il-kontribut tiegħu lejn ir-rispons għall-isfidi ekonomiċi u soċjali – li jenħtieġ li t-titjib tal-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, u l-ħolqien tal-impjiegi jikkontribwixxu wkoll għat-tħejjijiet għall-parteciċipazzjoni futura fiż-żona tal-euro minn daww l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro.
- (5) Huwa wkoll neċessarju li jiġi indikat li l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Programm jistgħu jkunu ta' appoġġ għal riformi li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri li jixtiequ jadottaw l-euro biex iħejju rwieħhom għall-parteciċipazzjoni fiż-żona tal-euro.
- (6) Sabiex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber mill-Istati Membri għall-appoġġ, u fid-dawl tal-bżonn li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, l-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm għandha tiżdied għal livell suffiċjenti li jippermetti lill-Unjoni li tipprovdi appoġġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' daww l-Istati Membri li jagħmlu t-talba.
- (7) Sabiex jingħata appoġġ bl-inqas dewmien possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun f'qagħda li tuża parti mill-pakkett finanzjarju anki biex tkopri l-kost ta' attivitajiet li jappoġġjaw il-Programm, bħal spejjeż relatati mal-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/825 jiġi emendat skont dan.
- (9) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/825 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

L-oġġettivi ġenerali

L-oġġettivi ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għal miżuri intenzjonati li jirrifurmaw u jsaħħu l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jittejbu l-koeżjoni, il-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-investment, li jkun ukoll ta' tħejjija għall-parteciċipazzjoni fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, fosthom permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti, effettiv u trasparenti tal-fondi tal-Unjoni.”;

- (2) Jiddaħħal Artikolu 5a:

“Artikolu 5a

Appoġġ għat-tħejjija għal sħubija fiż-żona tal-euro

Il-Programm jista' jiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet b'appoġġ għal riformi li jistgħu jgħinu lil Stati Membri fil-preparazzjonijiet tagħhom biex jaderixxu maż-żona tal-euro.”.

(3) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm huwa stabbilit għal EUR 222 800 000 fi prezzijiet attwali.”;

(b) fil-paragrafu 2, tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

“L-ispejjeż jistgħu wkoll ikopru l-kosti ta' attivitajiet ta' appoġġ oħra bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' appoġġ fuq il-post.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika milquta
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Perjodu u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Ġabra fil-qosor tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
